MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-27 ta' April, 2007

Numru 1023/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Kevin Borg)**

**vs**

**ANTHONY ELLUL**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Anthony Ellul ta’ 43 sena, iben John u Josephine nee’ Curmi, imwieled Paola, fit-12 ta’ Lulju 1961, u li joqghod 38, Diego Flat 1 Triq l-Arzell, Marsascala. Detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 545261M gie akkuzat:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fl-10 ta' Novembru 2004 u fil-granet u ix-xhur ta' qabel:

B'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh b'qerq ta' anqas minn LM1,000.00 ghad-dannu ta' Marouska Attard detentrici tal-karta ta' l-identita' bin-numru 137983M (Dan bi ksur ta' l-Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

approprija ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu, fil-kapacita' tieghu bhala prokuratur taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u cioe' approprija ruhu minn flejjes migbura liema flejjes jammontaw ghas-somma ta' anqas minn Lm 1,000, liema flejjes jappartjenu lil Marouska Attard detentrici tal-karta ta' l-identita' 137983M u li kienu gew fdati jew ikkunsinnati lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd jew li jsir uzu specifikat, u dan minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju
(Dan bi ksur ta' l-Artikoli 293, 294 u 310 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta)

Illi b'hekk Anthony Ellul sar recidiv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenzi mghotija mill-Qorti tal-Magistrati fit-08 ta' Marzu 2000, 14 ta' Marzu 2000, 28 ta' Novembru 2000

B'hekk Anthony Ellul kiser il-Provvediment tal-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta meta kkommetta reat iehor waqt perjodu ta' Sentenza sospiza, liema Sentenza inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-28 ta' Mejju, 2001.

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 5 tal-Process (Dok KB5) u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u li hu konsapevoli li l-imputat hallas dak kollu dovut lill-parte civile rigward dan il-kaz. Inoltre l-istess Ufficjal Prosekutur iddikjara li hu konsapevoli li l-imputat biddel hajtu ghat-tajjeb u dan b'mod drastiku u ghaldaqstant il-Prosekuzzjoni umilment iddikjarat li ma jkunx idoneu li l-imputat jinghata piena karcerarja u li ghalhekk ikun opportun li din il-Qorti testendi l-perjodu operattiv tas-Sentenza sospiza li nghatat lill-imputat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Magistrat Dr. Jacqueline Padovani Grima fit-28 ta' Mejju, 2001, fejn l-imputat kien gie kkundannat ghall-piena ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li jiddispjacih dwar l-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 308, 309, 310, 293, 294, 49, 50 u 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Anthony Ellul, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi dak dikjarat mill-Ufficjal

Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum u riportat aktar qabel f'din is-Sentenza, nkwantu ghall-ewwel akkuza, it-tieni akkuza u it-tielet akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat, tikkundanna lill-imputat Anthony Ellul ghall-piena komplessiva ta' tmin mitt Liri Maltin (Lm800) multa u nkwantu ghar-raba' akkuza migjuba kontra l-imsemmi imputat, bl-applikazzjoni tal-artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, testendi l-perjodu operattiv tas-Sentenza ta' tlettax (13) il-xahar prigunerija sospiza tat-28 ta' Mejju, 2001 ghal sentejn (2) millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------